A.L. 59 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI) BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu għall-Bdil ta' £M2,000,000 7½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1980-82

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu iddikjara li £M2,000,000 7½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1980-82 li għandu jitħallas lura fis-17 ta' Diċembru, 1980 jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' £M2,000,000 7½% Stock Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1980-82 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1986-87 bis-6¼% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. (a) L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' £M100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġà għandhom 7½% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1980-82 jiftħu fid-9 ta' fil-għodu, it-Tnejn il-11 ta' Awissu, 1980 u jagħlqu f'nofs inhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awissu, 1980.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986-87 bis-6¼% jintlaqgħuh t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn 8 ta' Settembru 1980, u nofs in-nhar tal-Ġimgħa, 12 ta' Settembru, 1980, jew qabel jekk l-i*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*stock* tkun ta' £M2,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-18 ta' April u fit-18 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' £M3.12,5 kull £M100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-18 ta' Ottubru 1980 u s-17 ta' April 1981 għandu jsir fit-18 ta' April 1981.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn £M20,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-18 ta' Ottubru 1980.

Fidwa ta' *stock*.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1986 u l-31 ta' Diċembru, 1987 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.

Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll.

6. L-imgħax kollu li jitħallas fuq dan l-i*stock* għandu jkun eżenti mit-taxxa tal-boll.